# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**56.** **25 ta' SETTEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' uara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeu b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-euuel disa xhur b'xejn; min ijsiebħu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S, Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**

## LIL MIN GHANDU IL VOT ghat-Tielet Distrett.

(FURIANA, TAL PIETA', HAMRUN, HAL KORMI U HA'Z-ZEBBUG.)

ELETTURI,

Il programma ta's-Sur Cicc Azzoppardi u sħabu, irid igħaddichom ta' injoranti u jaħseb li bieh jixħedtcom f-li xcora; għax dac li fih ueghedcom, ma jistax jsir.

Meta is-sur Azzoppardi, sentejn ilu, talabcom il vot biex jidħol f'il Cunsill Popolari u meta daħal f'il Consill ta'l Gvern ueghedcom li chellu iħalli chemm il darba il Gvern ma ibiddilx il Costituzjoni li għandna t'dic ta'l 1887, għax il Cunsilieri ta'l poplu ma jistgħu jagħmlu xejn tmienia contra GHAXRA tal Gvern. Żamm chelmtu is-sur Cicc Azzoppardi u sħabu ? !

ELETTURI,

Iena marridtx nugza biss, iżda NIPPROVA ucoll. Fit-tieni seduta ta l'euuel sessioni tal Cunsill, biex itemm biċċa m'il programma, gieb risoluzzjoni, fejn talab ma sħabu lil Gvern, biex ibiddel il Costituzjoni ta'l 1903 f'dic ta'l 1887 b'Att tal Parlament Inglis biex ma ijcunx jista inehhia il Gvernatur, mingħajr kabel ma igħid iva jeu le il Cunsill ta l'Inghilterra.

Din ir-risoluzzjoni (jeu lotta li għamel) il Gvern ta' Malta ma ghaddihielux, ghax ir-sigritarju bla mistħija xein, kallu, u migħu kal lil Maltin, li għandu ordni minn Barron li chien jagħmel minfloc il Gvernatur, li jivvotau contra taghha, għax fi ftit cliem il Ministru ried jibka iżomm il maltin taħt il madmad tal jasar. Uara din id-dakka ta' ħarta f'uicc il poplu is-Sur Azzoppardi, li illum kiegħed jarġa jitlobcom il vot biex jarġa jidħol fil Cunsill, niżel ma sħabu mill Cunsill bħal ma ueghedtcom ?

Zamm chelmtu magħcom ? LE ! u għalchemm chien jaf li tmienja contra għaxra ma jista jagħmel xejn, baka u chien jibka sa laħħar minuta cunsilier ta' lisem, chiecu il Gvernatur dan laħħar ma fettillux f'rashu iħoll il Cunsill !...

ELETTURI,

M'hux biss. Ghax f'it-tieni sena, meta dam ipaċpac għal xein u il Gvern jagħmel fattieh għamel risoluzioni oħra li biha kal lil Gvern ta' Malta biex igħid lil Gvern ta Londra illi il presenza fil Cunsill ta'l Cunsilieri tal poplu chif tinsab fil minuranza, igifieri b'għadd nikes minn dac ta'l Gvern, ma TISUA XEIN għax ma jistgħux jitolbu u jagħmlu ħlief DAC BISS li icun IRID il Gvern, għax cul ma jitolbu għal poplu jmur mar-rieh, u għax irrieda ta'l poplu, imżeblah u imjassar ma setgħetx tigi mismugħa. Il Gvern biex jidħak bina izied u jittamana ħalli tgħaddi dina ir-risoluzioni bil vot ta l'elettivi biss.... iżda baka jagħmel il ligijiet li għoġbu fuk li il missirijiet ghandhom icunu responsabbli tat tfal minuri u jistgħu immorru il ħabs minhabba htijiethom, għamel il ligi tad Duana, bla ma ta cont x'kaltlu il Camra ta'l Cummerċ, ligi li sarmet lil culhadd bli spejjes li il cummirciant għandu iħallas scont din il ligi, u jecc irid għada il Gvern jista jagħmel cul ligi li ifettillu għax il cunsilieri ma JISTGHU XEJN u imbagħad uara dana collu, is-sur Azzoppardi u sħabu m'hux biss li ma telkghux mil cunsill uara sentejn kagħad għal xejn, imma jiftaħar fil programm ġdid li għamiilcom, li il ligi fuk id Duana gieba hu u sħabu, bħallichiecu gibu ix xita tal liri, mentri il ligi ta'd-Duana hi dilluvju ta spejjes u kirda tal cummerċ ? !...

ELETTURI,

Uara sentejn politica minn din ix-xorta li każżet u tellet il mustarda fl-imnieher ta cull maħluk onest, il poplu ħaġa uaħda mal gazzetti b'it-taljan u bil malti bħal ma huma il *Patriota*, li immexxih jien, ir-*Risorgimento*, il *Malta Taghna* in-*Naħla* u is-*Salib* u oħrajn, min barra il *Gazzetta di Malta* li kegħda b'xorti ħażina tal pajjis f'idejn f'idejn is-sur Azzoppardi, cullħadd chiteb u kal li il cunsilieri, biex iżommu għoli gieh il poplu u il Ministru ma jibkax jittrattah bħal ma jittratta is-suued ta kiegħ l'Affrica, għax il poplu Malti għandu l-isbah sioria, culħadd talab li il cunsilieri għandhom jinżlu m'il cunsill, li fieh *bħal ma kalu huma stess* ma setgħu jagħmlu xejn għal poplu, uara meeting biex fih ifehmuh f'hjex chien jinsab il pajjis!

ELETTURI,

L'icbar trux hu dac li ma iridtx jisma. U is-sur Azzoppardi chien uieħed li ittarrax ma sħabu. X'ifisser meta uieħed igħid li fil consill ma JISTA JAGHMEL XEIN u jibka? Ifisser li trid tagħmel gid il poplu, jecc gid ma tistax tagħmillu? Jeu għax uieħed ma icunx irid jitlef xi stiedina fiergha, jitlef xi cumpannija ma'l cbarat li kiegħdin ijassru il poplu jeu jitlef it-titlu ta' *onorabbli* li bieh u mingħajru xorta uaħda meta ma tista tagħmel xejn għal helsien tal poplu? U billi tcun mistieden biex tiecol u tiehu ritratt ma genb ir-Re hi xi ħaġa li tatic gost, meta taħseb li inti tirrappresenta poplu miżmum taħt il killa ta't-tirann li irid jixroblu demmu mingħajr ma jatih il-libertà li għandu ichollu bħal poplu fidil u kalbieni? U billi uieħed icun magenb ir-Re; jecc hu ta'ċ-ciomb sejjer isir tad-deheb? Jecc hu maħmuġ fil hajja....politica sejjer jindaf, ma jibkax l-istess??! U xi servi jecc fil għaxija icolloc stedina il palazz, u l'għada fil cunsill tcun stmat ta' *xein* għax ma tcunx stmait chelmtec, meta uegħedt lil l'eletturi li tinżel u ma inżiltx u b'hecc tcun dħakt b'min tagħc il vot?

ELETTURI,

Min baka fil cunsill *għalxein*, bhal ma baka is-sur Azzopardi, igifieri il post għoġbu ghal xi haga li jisthi jghidha ċar u tond..,. biex ma jitlifx il vot tagħchom, jisserva bichom u imbagħad iħallicom bħal erbgħa fost il gimgħa.... dan il ħsieb mohbi, u li ma riedtx jiuricom, inthom, eletturi ta't-tielet distrett, uieħed m'il iżied imdaulin, takbduh mill euuel u tistgħagħbu chif sata jokgħod fill Cunsill, mnejn għajr tmakdar għal poplu xein izied ma hareġ, minhabba nies li ma għarfux zammeu chelmthom, bħal ma għamel is-sur Cicc li mohhu naccra biex jidhol fih, biex jarġa jibda il cummidia, din id-darba bi ħlas ta 300 lira fis-sena għal tnejn li il Ministru sejhilhom rius quadri, għax bil hsieb li ma imeruh f'xejn....

ELETTURI,

Il Costituzioni li għandna, u li taħta is-sur Azzoppardi irid jidhol fil Consill bil vot tagħcom, hi li stess ŭaħda li imħabba fiha, sentejn ilu, riedt jidhol fil cunsill, jipprotesta, u jecc ma tirrangiax ruhha, jinżel Biss din id-darba sejjer icun hemm il magħlef u għandu icun thajjar għax b'l'aptit. Issa jecc għal ħames snin, tlieta li fihom hadd ma daħal il cunsill, u tnejn li fihom chellom jipprotestau u ma għamlu xejn, il Costituzioni chienet HAZINA, chif issa hin bla ŭakt, saret TAJBA, u irida għal gid, li katt ma sfiiet għal poplu??

U billi il Ministru sejjer iħallas tnein mil cunsilieri tal poplu, fosthom is-sur Azzopardi x'izied, sejra titjeb? Jeu izied titthassar billi isoddlu ħalku iġgħalu jmmuta izied milli chien? Mela minfloc tiebet, il Costituzjoni li irid jaccetta Azzoppardi hżienet chemm jista icun....

ELETTURI,

Il uieghdiet li ghamlilcom biex jaħtaf il vot, ta min, kabel jivvota, ma jaħsibx scont ma tgħidlu il cuncenzia, għax il vot m'hux ħaġa taċ-ċajt, u daks chemm jagħmel gid, jista jagħmel deni; ma jistgħux jigu mitmuma, għax l'IMPOSSIBBLI hadd ma jista iuegħdu. Min iuighed dac li ma *jistax jaghmel*, icun jidħak bicom. Liema hu il programm tieghu? X'ueghedcom fih? Isimgħuh.

Ueghcdcom—li jibka jaħdem biex igib il maggiuranza fil cunsill u jaħdem għalija sachemm il Ministru tal Colonji ma jaktgħalux jeshu u igħidlu LE. Issa liema Ministru, jecc ma jcunx MIGNUN sejjer igħid LE meta jaf li sitt cunsilieri ta'l poplu ma jistgħu jaghmlu xejn ma TNAX tal Gvern?

Ueghedchom—li ghandu jidhol jaħdem f'l'Esecuttiv, iżda staha ighid li għal dac il post hemm lesti tliet mitt lira f's-sena! Ghax fil programm elettorali staħa jistkarru? Jakaŭ sejjer jagħmel xi sacrilegg chiecu jitchellem ciar magħcom, li minn għandchom irid il vot? Jeu għax jaf li il poplu u l'eletturi li għandhom rashom fuk spallejhom ixommuha tinten li titħallas biex *tahdem*.... mal Gvern li iħallsec?!!...

Ueghedcom—li iżomm it-TAXXI, li ftit ilhu il Gvern semma li għandu JAGHMEL għax flus fil caxxa ma għandux. U chif katt is-sur Cicc Azzopardi jista iżomm it-TAXXI jecc il Gvern JISTA COLLOX bil maggiuranza ta tnax u il poplu ma JISTA XEIN b'sitt cunsilieri biss?..

Ueghedcom—li għandu jaħseb fil haddiem, u biex jista itaffi il kagħad ta'l pajjis, biex iħarrab minn Malta il miseria, il ġuħ u l'għauċ li jista ġo fiha jinsab.—U jecc f'sentejn shah li chien ilhu fill Cunsill għankas biss ma fetah fommu għalbiex iserrah ftit il ħaddiem, li biċċa minnhom, bħalma huma dauc tal laneċ, jaħdmu bħal clieb għal sbatax il sigħa; jecc katt ma talab lil Gvern biex il moxa li għandu, jatieh biex jaħdmu lil campanjol, b'cens għal dejjem ta ftit xelini; chif temmnuh illum li irid jagħmel dac collu li sata jagħmel f'is-sentejn li dam fil cunsill, u MA GHAMLUX?!

Haġa nesa iuegħdchom—li għandu hila jigbed mis-sema xita ta liri u b'hecc iseuui collox, u ibiddel il Malta f'genna ta'l art u il bagħtut jagħmlu għani....

ELETTURI,

La temmnux min iŭiegħed dac li ma jistax jagħmel, u li ta prova li ma setgħax jagħmel!; U is-sur Azzoppardi, uegħedulchom biex ighidilchom xi ħaġa kabel il vot, ghax uara, jecc jitla cunsilier, naħlitulchom, jinsa collox bhallichiecu katt ma chien....

ELETTURI,

Ifhmuha tajjeb, jecc, uara li tatu il vot, ma tridux jibdielcom!

Is-sur Azzoppardi u sħabu, jecc jitilgħu fil cunsill, bhalma SENTEJN SHAH ma għamlux ħaġ'oħra ħliet dac biss li RIEDT IL GVERN ghax kabel *biss* għal gvern u mhux għal poplu, hecc ucoll din id-darba jibkgħu jagħlmu; għax mogħmija fuk il ħlas tat-300 lira li bihom il Gvern sejjer iħallashom, ma chellhomx hila jixtu ma ŭiċċ il Gvern Costitutuzioni li għal *sitt snin* shah il poplu ma riedtx jaf biha. Malli il Ministru fil 1903 sfida il poplu u bil costituzjoni li għandna, u li issa is-sur Azzoppardi sejjer jaccetta, uera li jistma il Maltin bħal merhla muntuni, l'Avucat Natu Mizzi beda biex ipprotesta ruhu mat tlittax il cunsilier li chellu migħu, fosthom Azzoppardi li illum dauuar il boxxla; ipprotesta il poplu billi għal tliet snin ma bagħatx fil cun-

sill cunsilieri; ipprotesta il Cunsill Popolari, muakkaf minn Malta collha, għaliex cullħadd ra li għal unur ta' Malta u tal Maltin li katt ma chienx guejjet, ma jixrakx li il Gvern għandu icun bhal gvern russu jagħmel biss li irid hu, minghajr ma il cunsilieri, a nom tal poplu, ichollhom il jedd izommulu ir-riedni u ighidulu: dan, il poplu ma' iridux; aħna ma nistgħux ngħadduh għax jagħmel hsara!

Meta il Gvern bil maggiuranza JISTA COLLOX u il poplu ma JISTA XEJN ghax b'għadd ta cunsilieri inkas, min jidħol fil cunsill, icun isir complici ta'l ħsara collha li jista jagħmel lil poplu, *b'taxxi giodda, b'ligijiet horox contra il cummerċ bhalma hi il ligi tad-duana, il ligi fuk il meetings il ligi tal haghka fil votazioni, il-ligi li għal cull permess trid thallas xelin minn floc sold bhal kabel, xi ligi fuk xi self ta 500,000 lira* u b'xogħlijet ohra li iżommu il poplu aghar minn annimal. Min jahdem ma Gvern bħal dan, icun il boja ta' hutu, icun bla kalb, ma icunx Malti!

ELETTURI,

Jena hriġt contra is-sur Azzoppardi, m'hux ghax irrid nidhol fil cunsill, ankas għax irridt it-tliet mitt lira ta'l Esecuttiv li dejjem, meta cont cunsilier tagħcom fil 1898, ivvotajt CONTRA TAGHHOM, m'hux għax rashi mimlija b'il frugha ta l'unuri u bil għatx ta' xi lokma ta'l Gvern, m'hux għax meta tigi xi ras cbira irrid nagħmlilha ta incensier fil uakt li il poplu icun jibchi fil jasar, taħt il madmad tal miseria li għabbielu fuk għonku il Gvern; m'hux għal xi fini oħra li KATT ma chelli, u b'l'għajnuna t'Alla u ta l'onestà ankas għandi!

Kiegħed nitlobcom il vot, jecc tcunu tridu taghtuhuli, ghal haġa uahda: BIEX IT-TIELET DISTRETT LI CHANDU RAS TAJBA BIEX JAHSEB U JAGHZEL, ICUN JISTA JIPPROTESTA RUHU CONTRA IL COSTITUZIONI LI GHANDNA li biha il Gvern jista jagħmel cull deni lil poplu, minngħajr ma il cunsilieri icunu jistghu jekfu contra tigħu għax, ankas jecc iridu, ma icunu jistgħu. Is-sur Azzopardi u sħabu, *malli xammeu il ħlas ta tliet mitt lira*, il curaġġ ta sitt snin ilhu spiċċalhom għal collox, sturdeu bhal caplat, u ma riedux ifissru lil Gvern, bi PROTESTA, li ma għandux il jedd IZEBLAH izied il poplu Malti, li, għal giehna, iridu il vot minn għanda biex jitilgħu cunsilieri.

Din id-darba is-sur Azzoppardi ma setax jagħmel TORT ICBAR milli għamel lil Maltin jecc jivvotau għalieh biex jitla fil Cunsill, ilablab għal xein, għalchemm il Gvern, tallì ilablab *ghalxein*, iħallsu bi tliet mitt lira f 'is-sena!

Min ma iridtx il pajjis mixhut taħt ir-riġlejn, min irid li il poplu ma icunx mgħadud bhal dac li JAKLA FUK UICCHU U JIFRAH—voldiri bla ebda heġġa u gifa—min jixtiek li il Gvern, jiftah ftit għajnejh u jaħsibha ELF DARBA kabel ma idendlilna ma għonkna IT-TAXXI u jixūina bil għacs, għandu jivvota għal min irid JIPPROTESTA, bħal ma jena inueghed chom fuk giehi li NIPPROTESTA, billi, INHALLI mill Cunsill chemm il darba nigi mahtur mit-tielet distrett.

ELETTURI,

Jena ma inħobbx niftahar b'rixi bħal ma għamel is-sur Azzopardi fil programm—daħca fil uiċċ—li stampalcom, biex tivvotaū ghalieh. Jena għalicom, eletturi, ma hinjex ġdid. Ghaxar snin ilu contu bgħattuni fil cunsill biex nakbeż għaddrittijiet tagħcom. Chif gibt ruhi fil cunsill, cullħadd, jafu. Ghamilt mill iżjed li stajt nagħmel u ħakkaktha tant mal gvern li kabbad lil uieħed biex jagħmilli causa, ghax kal li darba cont ecclesiasticu. Iżda il Costituzzioni li għandna, tfisser x'inhi il chelma ecclesiasticu u tat tort lil Korti li issentenzjat dic id-darba chif xtak il Gvnrn, biex jeħles minni li dejjem ghamilt dmirhi scont l'onestà, il giustizzia. Jena bhal ma ġa għedtilchom, ma irridtx insir Cunsilier u la *għat-300 lira* u la biex nicseb xi *magistratura* jeu il post tas-*Supraintendent tal Pulizija* u la għal csuhija li nidher kuddiem il cbarat, ghax chemm domt Cunsilier, katt ma rsakt lejhom, anzi ħrabthom bħal ma jaħarbu il pesta.... għax sgur tiċ-ċappas!

ELETTURI'

Biss gegħelni nitlobcom il vot, biex ġurnata, meta fuk il pajjis u fukchom, jigi l'għauc, tiffaccia il hacma ta'l killa, ma tistgħux tgħejdu li ma chellchomx isem li ghallieh stajtu tivvotau, bhala protesta contra il pulitca gdida tat 300 LIRA mdaħħla mil Gvern biex ISODD il HLUK u icun jista jibka igħassed u ighaffeġ bil minuranza tas-sur Cicc Azzoppardi.... u il pajjis jintrifes bla ħniena taħt riġel il barrani, u li storia tagħna tant sabieħa għal klubija tal Maltin, tittabbħa u titħassar bil hmieġ tal vilissmu interess kattiel ta'l libertà!!

ELETTURI,

Il progrrmma tighi fieh żeuġ chelmiet għax marridtx nidhac bichom, għax min jidħac bichom, jidhac u jinganna il pajjis: Malli insir Cunsilier, jecc tatuni il vot tagħchom, INHALLI bhala PROTESTA contra il Costituzioni li TISRAK id-DRITTIJIET tal poplu għax biha ma jista jagħmel XEJN; contra L'IMGIBA HAZINA tal Minstru li irid iżomm il Malta IMJASSRA; contra IT-TAXXI li bil maggiuranza tal Gvern, jistgħu ISIRU GHADA, u contra it-300 LIRA li bihom il Gvern jiħhem li ghandha TIRBAH ID-DISONESTA'

ELETTURI,

Kabel ma tixtu il vot fil caxxa, għarblu u xtarru tajjeb kuddiem Alla u il cuncenzia tagħcom, dac li ueghedtcom jen u dac li ueghedtcom is-sur Azzoppardi, għax uara li tivvotau, jecc tagħmlu HAZIN, ma tistgħux ISSEUUH!! Jena irrid NIPPROTESTA biex gieh il poplu ma jibkax imżeblah mil ministru, is-sur Azzoppardi irid jidħol għal TLIET SNIN, irid jehu il *hlas tat iliet mitt lira*, u fli stess hin jaf li ma jista jagħmel XEIN mal Gvern.

Mohh tajjeb biex tgħażlu u taħsbu għandchom; imhabba għal gieh pajjschom ma tonkos fichom! Ahtru bejn il hajja u il meut ta'l pajjis! Dac li tagħmlu, merhba bieh; jen incun dejjem ghamilt dmiri versu lejchom u Malta pajjisna.

Ghodduni dejjem taghcom

TONIN DALLI.


# GHAL OTTUBRU LI GEI

**CULL NHAR TA HADD**

SER ICUN HEMM FIT-

# TEATRU MANUEL

**Reciti bil malti.**

Mil cumpannija ta' Saliba, Camilleri, Borg, Bartlu Vidal u sħabhom l'oħra—Isiru Vudvillijiet u Parodj grandiusi fosthom

AIDA — CAVALLERIA — BUTTERFLY
RUY BLAS — BOHEME
AFRICANA

u oħrajn. B'messa in scena tasseu spettacolusa! Cull min irid jiddeverti għandu imur jarahom.

# Ghomja Famusi.

*(Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.)*

## Campbell

american, tala, għad li bla daŭl fuk il kuċċata ta'l Mont Blanc l-ogħla muntanja ta'l Eŭropa u li il cotra ta'n-nies li għandhom id-daŭl għażiż ta' għajnejhom ma għandhomx il ħila jitilgħu fukgħa. Illum hu Direttur ta'l famus culleġġ ta'l Għomja li hemm f'Londra, u għandu 75 sena billi tŭieled fl-1834 f'il belt ta' Franklin f'it-Tennesee ta'l Istati Uniti, u hu bin *farmer*. Għema ta' tliet snin u nofs billi niggżitu f'għajnu xeŭca ta'l gazzi. Trabba f'Nashville fejn tgħallem il musica hecc tajjeb li laħak Professur ta' dina is-sengħa tant sabiħa. F'il culleġġ tiegħu ta' Londra għandu l-ibnu Guidu li jgħallem l'it-ifal għomja li hemm ijgħumu, jakdfu, jircbu il *bycicle*, jiżżerżku fuk is-silġ b'mod li jgħaġġbu lil cullħadd.

## Syme, Vielhomme u Guilbeau

huma tliet għomja franciżi, it-tlieta Professuri f'il culleġġ ta'l Ghomja ta' Parigi, u li chellhom il ħila jitilgħu fuk il muntanja għolja imsejjħa Champrousse f'id-Delfinat b'il għajnuna ta' guida cull ŭieħed biss.

## Vidal

ŭieħed m'il akŭa sculturi franciżi u li hu imsemmi għal ġmiel ta' annimali li jagħmel hu bla daŭl, għad li ħadd minn dauc collha li jiġgennu biex jixtru ix-xogħlijiet tant sbiħ u maħdumin b'tant rekka tiegħu ma jintebaħ li dac il ġmiel ta' opri huma maħdumin b'it-teftif biss. Le Cerf blessé (Iċ-cerf ferut); Le Lion u Le Taureau (Il Għendus) huma tliet opri tiegħu li fi Franza u ma cull min jifhem ijgħaddu bħalha tlieta m'il isbaħ xogħlijiet ta'l iscultura moderna. Meta jrid jagħmel annimal jingħalak miegħu u jibda jżiegħel bih u jteftfu u jaħdem it-tafal tiegħu sa' jgibu bħalu. Biex għamel il Lion Rugissant ingħalak f'gaġġa ma' ljun għal żmien tŭil inducrat minn sid l-iljun biss; u l-opra li ħarget minn taħt idejh għaġġbet lil cullħadd. Jecc tarah jaħdem ma tgħidx li hu għama, biss cull tant jati pass l-ura u jmiss dac li jcun kiegħed jagħmel b'il għaxar t-isŭaba miftuħa ta' idejh li jisŭeŭlu f'loc għajnejh. U xejn la tistagħġbu b'dan għaliex ŭisk drabi b'idejna nifhmu aħjar dac li ma nfhmux b'għajnejna. Daħħlu bastun fl-ilma: taraŭh milŭi; missuh b'idejcom u tifhmu li hu dritt. Ħarsu lejn iċ-cinematografu: taħsbu li in-nies fl-istampa ijcunu kiegħdin jiċċakalku tasseŭ u jagħmlu il movimenti; f'il ħin li ma jcunux ħlief jiġru biss. Dina hi ir-raġuni li it-tfal ijħobbu jbagħbsu collox, għaliex haġa kabel tmissha u itteftitha seŭŭa ma tifhimhiex għal collox. Meta xi għama ħa id-daŭl tfixchel u ma għarafx x'jagħmel bih billi b'subgħajh chien mokdi ħafna, u f'il ħin li għama chien jiġri ŭaħdu, tokba b'tokba, il belt collha, malli ħa id-daŭl ma chienx jista jimxi bla ma jsaksi fejn hu sejjer. Dana għedtulcom biex ma tistgħaġbux li il għomja jistgħu jsiru sculturi famusi. Jidhirli li ġa għedna li Sunderson chien b'it-teftif jagħraf biċċa flus jecc hix tajjba jeŭ le, u il cbir Victor Hugo kal:—

« *Quand l'oeil du corps s'éteint, l'oeil de l'esprit s'allume* » u il famus poeta ingliż Byron kal:— « *I shut my eyes to see better within.* » U forsi ġa tafu li meta ŭieħed jitlef id-daŭl ŭidnejh, subgħajh, imnieħru u ilsienu jibdgħu jħossu aħjar u actar fin biex ijpattu għal dac is-sens li jcun intilef.

*(Jissocta).*

# Esperanto

Is-*superlattiv* ijsir billi iżżid *plej* u *el*.

*Li estas la plej bela homo el la mondo*—Hu l-actar ragel sabiħ ta'd-dinja.

Tista tnakkas billi tgħid: *Mia fratino estas la malplej bela homino el la mondo*—oħti hi l-actar mara cherha t'addinja.

Is-*superlattiv assolut* ijsir billi iżżid *tre* kabel l-aġġettiv u għalhecc tgħid: *Ludoviko estas tre diligenta*—Dovic hu għakli ħafna; *Mia onklino estas tre bela*—Ziti hi sabiħa ŭisk.

Hemm ucoll il comparattiv bejn żeŭġ ħŭejjeġ daks jeŭ bħal xulxin u jsir billi iżżid *tiel* u *kiel* u għalhecc tgħid: *Li estas kiel forta kiel vi*—Hu b'saħtu daksec.

Mela:—

*Via papero estas tre blanka, sed mia papero estas pli blanka*—Il carta tiegħec hi bajda, iżda il carta tiegħi hi actar bajda.

*Lakto estas pli nutra al vino*—Il ħalib isostni actar m'il imbit.

*Mi havas pli bonan panon al vi*—Jiena għandi ħobż actar tajjeb minnec.

*Ne, vi eraras sinjoro; via pano estas malpli bona al la mia*—Le, kiegħed tisbalja sinjur, il ħobż tiegħec hu ankas tajjeb minn tiegħi.

*Mi estas tiel diligenta kiel vi.*—Jiena b'il għakal b'ħalec.

In-numri huma: *unu*-ŭieħed; *du*-tnejn; *tri*-tlieta; *kvar*-erbgħa; *kvin*-ħamsa; *ses*-sitta; *sep*-sebgħa; *ok*-tmienja; *naŭ*-disgħa; *dek*-għaxra; *du-dek*-għoxrin; *kvin-dek*-ħamsin; *cent*-mija; *mil*-elf.

Haŭnhecc taraŭ żeŭġ ittri ġodda fl-Esperanto li s'issa għadna ma daħħalnihom katt u li huma iċ-c u l-ŭ b'il cappell bħal dic li kiegħdin nużaŭ da'ż-żmien f'il malti f'loc id-w u li jiena daħħalt m'il Esperanto b'mod li intgħoġbot u giet milkugħa minn cullħadd. Is-Sur Muscat-Azzopardi P.L. sejjer jistampa ir-romanz ġdid tiegħu « Nazju Ellul » biha u għalhecc is-Sur Muscat l-Istampatur għandu għal min ijrid jistampa xi ħaġa biha. Dina tinkara l-istess bħal ma kiegħdin nakraŭha f'il malti.

Iċ-c tinkara l-istess bħa't-tedesc u għanda il ħoss ta ts; mela *cent* tinkara *tsent*; *czar*—*tszar* u x'naf jien. Tinkara bħa'z-z f'*zio, prezzo*:

*Du humoj povas pli multe fari al uno*—Żeŭġ t'irgiel jistgħu jagħmlu ŭisk actar minn ragel ŭieħed.

*Mi havas nur unu kapon, sed mi havas du manojn, du orelojn kaj du okulojn*—Jiena għandi ras ŭaħda biss, iżda għandi żeŭġ idejn, żeŭġ ŭidnejn u żeŭġ għajnejn.

*Li promenas kun tri hundoj*—Hu kiegħed jippassiġġa tliet t-iclieb.

*Li laboras per la dek fingroj de siaj manoj*—Hu jaħdem b'il għaxar tisŭaba ta' idejh.

*Kvin kaj sep faras dek-du*—Ħamsa u sebgħ jagħmlu tnax.

*Dek kaj dek faras du-dek*—Għaxra u għaxra jagħmlu għoxrin.

*(Jissocta.)*

# DI ALCUNE PIANTE SELVATICHE

## CHE POSSONO SERVIRE DI NUTRIMENTO ALL'UOMO

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Non poca materia al mio discorso mi hanno fornito il Florae Melitensis Thesaurus del mio collega e maestro profes- Zerafa, i lavori inediti del nostro segretario Dr. Grech Delicata, le letture fatte in questa istessa società sulla Flora Maltese del Dr: V. D. Portelli, la Memoria sulle piante selvatiche della Francia fatta dal signor Braconnot e gli autori più accreditati di Materia Medica.

In questo mio lavoro, ho creduto superfluo l'includere quelle piante, le cui proprietà nutrive sono note per fino allo infimo contadino: e mi avvisai pure dover tener silenzio sulle descrizioni botaniche dei generi, e delle specie delle piante, di cui terrò parola, e ciò, in primo essendo state gia fatte da altri molto meglio di quel che si potesse da me fare, poi stimandole superflue, o almeno poco al mio oggetto relative.

L'ordine che ho giudicato proprio di seguire nell'esame delle suddette piante è il metodo naturale, o di Jussieu.

Le piante indigene di Malta, quelle cioè che crescono spontaneamente tra le nostre rocche, nei nostri Valloni, sulle colline, e intorno i nostri campi, sono forse più moltiplici di quello che permette la secca natura del suolo. Il numero ne ascende a più di settecento.

Si deve credere forse, che un sì gran numero di esseri vegetabili giaccia quivi per solo precario abbellimento? La natura non fa mai inutile pompa di se, come delle volte falsamente può sembrarci, ad ogni essere ha posto un fine a cui tendere. Si ha da credere dunque, che tali piante anzichè inutili sieno nocive? nè anche; alcune di esse son dotate di diverse proprietà, per le quali l'uomo può riacquistare la perduta salute, e molte altre gli possono servire di nutrimento.

Nel nostro suolo gaulo-melitense vegetano due specie del genere Ulva appartenente alla famiglia delle Alghe, la U. intestinalis, e l'U. lactuca. Quest'ultima abbonda in tutte le spiagge del Mediterraneo, ed è commestibile per vari popoli del Settentrione.

Parecchi individui della famiglia dei Funghi, che crescono nelle nostre terre sono eduli, ma siccome si richiede una conoscenza particolare, onde non confonderli con altri, così detti velenosi, stimo meglio ommetterli.

Del genere Arum, che ha dato il nome ad una famiglia, vegetano nelle nostre terre incolte lo specie A. Arisarum L. *Farni ta'l pipi*, l'A. Colocasia L. *Zorzas*, e l'A. Italicum di Miller. La radice di queste piante, come di altre dello stesso genere, contiene una fecola molto nutritiva, che è uopo liberare da un principio volatile irritante che le si trova unito: di alcune delle quali specie si mangiano cotte la foglie.

L'A. Colocasia, che barbica nel mezzodì dell'Europa, in Spagna, in Portogallo, in Sardegna, in Candia, e sopratutto in Egitto, coltivasi in quelle regioni in sin da tempo immemorabile, come alimento. Erodoto fa menzione di tale uso e ne fanno tutti gli antichi che dopo di lui scrissero: la parte che si usa come esculenta è la radice, la quale è poco o quasi nulla acre cotta nella minestra; essa ha, come qualche autore riferisce, il gusto del Solano Tuberoso, e vi forma in Francia un pasto molto ricercato. La radice delle altre due specie lo è pure commestibile.

Nei pochi nostri terreni umidi vegeta la Typha latifolia *Buda*, pianta della familja delle Tifacee, le cui radici carnose e nodose servono di nudrimento ai Calmucchi, tribù dei popoli mongoli; e ne sono pure esculenti in dixerse contrade dell'Europa. Il signor Raspail, distinto chimico francese, nella radice di questa pianta ha trovato una fecola bianca la quale all'aria divien gialla, e il farmacista Lecoq ne ha estratto di questa fecola circa $\frac{1}{8}$ del peso della radice: questa fecola coll'acqua bollente forma una gelatina somigliante a quella del salep.

Dirò ora sulla famiglia naturale la più interessante, quella cioè delle Graminacee, la quale contiene i cereali, base del nutrimento dell'uomo nello stato di civilizzazione, Le sole palme possono paragonarsi ad esse le quali sono per le regioni equatoriali in proporzione più grandiose, e pei popoli la più parte selvaggi, quello che le umili gramigne sono per le regioni temperate e fredde del globo; onde Linneo, nel suo linguaggio animato e pittoresco, paragonava queste ultime al popolo, i cui lavori oscuri fanno la ricchezza degli stati.

Le graminacee allignano in tutt'i terreni, sono sparse su tutto il globo, e sebbene temono l'estremo calore, tuttavia se ne veggono vegetare nelle aduste arene dell'Affrica. La natura volle che una famiglia sì utile non contenesse alcun principio venefico in niuna delle più di 3000 piante che contiene giacchè mal potrebbesi dire venefico il principio un poco inebriante che trovasi nel Lolium perenne L. e quello catartico del Bromus Purgans, le sole due piante sospette.

Le graminacee non godono alcuna proprietà medica considerevole: il loro frutto, come tutti sanno, è quasi intieramente formato di fecola, e di altre materie alimentari. La loro scarsezza o la loro abbonnanza nei mercati influisce non poco sulla vita dell' uomo; ma siccome la loro famiglia è molto numerosa, può talvolta mancare il frutto di alcune, e cagionarsi perciò fame e carestie le più orribili, mentre che cade sul terreno, e si trascura quello di diverse altre che, dal volgo, non si conosce come alimentare.

Nel terreno gaulo-melitense vegetano, fra gli altri generi compresi nella famiglia delle graminacee, i generi Agrostis, Bromus, Cynosurus, Coix, Holcus, Melica e Poa, piante tutte dai nostri contadini appellate selvatiche, e perciò del tutto trascurate.

Del genere Agrostis nei nostri campi si notano le seguenti specie l'A. alba, l'A. milacea, l'A. spica-venti, e l'A. verticillata del Villars. Del genere Bromus si osservano la specie B. mollis, B. rubens, B. sterilis, B. tectorum, etc.

Una sola specie del genere Coix si è finora ritrovata, la C. lachryma, i semi della quale sono molto duri, contenenti una fecola molto nutritiva, e di cui si fece uso in Portogallo e in Spagna un tempo, accorrendovi una penuria di viveri.

Una sola specie, parimente del genere Cynosurus, il C. cristatus: questa pianta abbonda nelle Indie e nel Giappone ove i suoi semi servono di cibo ai Contadini, specialmente quando lor manca il riso.

Vivono nelle nostre terre le seguenti specie del genere Festuca, la F. ovina *Zwien*, la F. Bromoides, la F. elatior e la F. pratensis.

Le specie del genere Holcus nelle contrade più calde dell'Affrica coltivansi come cereali; la sola che vegeta nel nostro suolo è la specie H. Sorgum *Karaboċċ*. Lo stesso si fa in Affrica delle specie del genere Melica; presso di noi ne allignano la M. ciliata. M. pyramidalis, e la M. minuta L.

(*Jissocta.*)

# GĦA'N-NISA

**Meta trid tati xi kartas** ta'l medicina lil xi tifel u ma iridtx jeħdu maħlul f'it-tażża jeu li ma jafx jibla ostja agħmel hecc: Ixtri biċċa cicculata minn daŭc li ġo fihom ijcun hemm il crema; ħaffer dina il crema u f'loca kiegħed it-trab ta'l kartas u agħlak iccicculata chif chienet kabel u tieha l'it-tifel jiecolha u tara chif it-tifel jitkarrak u jibla il medicina.

**Meta trid tibblacca żarbun ġdid** katt tinsa kabel tgħaddieh b'il lumi. Ħallih jinxef seŭŭa u imbagħad ibblacca bhas-soltu.

**Meta tħoss il bugħaŭŭieġ f'riġlejc** ma tul il-lejl ijfisser li jcolloc l-acidi kiegħdin ijħarbtu in-nervi. Idra ixrob għalhecc chiccra mishun kabel torkod.

**Meta f'il fuclar ijcolloc xi grada ta'l ħadid** u ma tridhiex issaddad bajjadha b'il gir u tista tħalliha għal żmien tŭil bla ma jiġrilha l-ebda ħsara.

**Meta tieħdu il banju f'is-sajf** jecc tridu tħossu rŭieħcom aħjar fih kattgħu xi nofs siegħa kabel lumija jeŭ tnejn u ħallu il bċejjeċ jixxarbu fih.

**Meta trid tnaddaf l-ixcupilji** li bihom tcun naddaft il fidda għaddashom fl-ammonjaca jeŭ fl-ilma li fih tcun ħallejt ftit boraċ.

**Jecc għandec il canali** trid ittihom ichel li jagħmlilhom ħafna gid u li jħobbuh daks li it-tfal ijħobbu il ħelu? Ŭaħħlilhom biċċa tuffiħa bejn il fildiferru ta'l kafas u tara chif jiġġennu għaliha.

**Meta takbdec l-influenza** agħmel hecc: ħabbat bajda tajjeb żid magħha mimli imgħarfa ġulepp tal imsiemer ta'l kronfol daksu ieħor ġulepp ta'l cannella, mimli cuċċarina ġulepp ta'l-lumi u oħra «*rum punch.*» Ħu nofs li għandec u compli imla it-tazza b'il mishun u ŭara thaŭŭad tajjeb, ixorbu. Innofs l-ieħor tista tixorbu l-agħda.

**Meta tcunu kiegħdin issajjru it-te** katt tinseŭ iżżidu f'it-tettiera biċċa zoccor biex jecc inthom u tferrgħu tŭakkgħu fuk it-tvalja dina ma tittebbax. Mela jecc tuakkgħu it-te fuk it-tvalja malajr ħaltu miegħu cuċċarina zoccor biex meta taħsluha tigi bla tebgħa.

**Meta jigdmuc** jeŭ iniggżuc xi insetti agħmel malajr fuk il ferita ftit melħ niedi u orbtu tajjeb. Dan ŭisk drabi jcun b'iż-żejjed.

**Meta taħsel** kabel titfa il-lożor u l-investi f'il caldarun għa't.tolija itfa daks erba imgħaref lamtu imgħolli u tara chif meta tgħgddihom jigu kejshom ġodda.

**Biex taħsel iż-żagarelli culuriti** agħmel hecc: ħoll is-sapun fl-ilma chiesaħ u aħsel fih; laħlaħ għal darba jeŭ actar daŭc iż-żagareili f'ilma chiesaħ ieħor b'is-sapun ucoll u biex thaddimhom kiegħidhom bejn bċejjeċ ta' musulina indaf.

**Biex l-inguanti**, u l-actar meta huma ta' culuri ċari, ma jitħammġux malajr hu cull darba, ŭara li tcun ilbisthom, biċċa bieba ta'l ħobż, farracha fin u ogħroc l-ingŭanti tajjeb b'dana il frac u tara chif jibkgħu donnhom ġodda għal żmien tŭil.

**Meta ir-ram** ijcun għadu ġdid tgħadduhx b'il pasta biex tnaddfuh iżda salvaŭlu il verniċ tiegħu billi tfarfruh u tgħadduh ħafif b'biċċa imxarrba chemm chemm f'il-lostru ta'l mobbli.

**Biex tnaddaf iż-żebgħa** agħmel hecc: arfa il ŭerak ta't-tè imgħolli, itfa il misħun fuku, saffieh u meta jicsaħ naddaf iż-żebgħa u tara chif ijneħħi ħafna tbajja. Biex tnaddaf iż-żebgħa bajda ħu biċċa flanella niedja u billha f'it-trab ta'l gibs. Ara li ma tagħmelx xi soder fl-ilma għaliex dan jagħmel ħsara.

**Meta l-incirata ta'l ccina** tibda titfa u għalhecc tidher cherha ixtri ftit żebgħa minn ta'l bottijiet u iżboħħa biha; bisskejs li tgħalak il ccina għallankas għall jumejn biex ħadd ma jirfes fuk l-incirata. Meta tinxef seŭŭa għaddiha b'il crema jeŭ pasta milli jgħaddu biha il mobbli u tara chif tbierec il flus li tcun infakt.

**F'il Parlament ta'l Finlandja** hemm ħamsa u għoxrin membru nisa. Is-sena ta' kabel chien emm dsatax. Dana juri li ħarġu cuntenti bihom in-nies ta' dac il pajjis, u li in-nisa jinkalgħu biex jokogħdu f'il Parlamenti ucoll.

**Meta jcolloc xi cappell ta't-tiben** li jcun sfar lellux u ma tridx tarmih agħmel hecc: ixtri ukija (pis) incira seŭda u erba t-eŭiek spirtu-di-vinu m'il aħjar; farrac l-incira trab, kiegħidha fi flixcun fl-ispirtu u ressak lejn is-sħana bla ma tati in-nar lil dac li jcun fih il flixcun, u ħabbat collox tajjeb sa l-incira id-dub seŭŭa. Chif ijcun sħun b'pinzell iżboħ il cappell seŭŭa u tara chif jidher bħal ħaġa ġdida. Mela il cpiepel ta't-tiben li jcolloc f'loc li tarmihom erfagħhom għal meta jigic il vistu li illum jeŭ għada jigi f'dar cullħadd.

**Meta tcunu ilcom** ma tużaŭ banju jeŭ friscatur u ijrabbi bħal ġlata ta ħmieġ li ma tantx tinkala malajr allavolja togħrocha b'is-sapun, biex tneħħiha malajr sappap ċarruta f'il pitrolju u ogħroc biha u tara chif il banju jigi donnu ġdid, dana ma jagħmel l-ebda ħsara lil l-enamel jeŭ l'iż-żebgħa.

**Biex tieħu iż-żejt ta'r-riġnu** jeŭ xi medicina oħra bla ma ittiegħimha ŭisk, karmeċ kabel u ŭara mustardina ta'l menta kaŭŭija jeŭ mexmex larinġa.

Lucija Levanzin Inglott.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Settembru.

27—1531. Deheret cumeta cbira li ŭaħħxet ħafna nies.

28—1755. Giet iccunsagrata il parroċċa ta'l Għarb ta' Għaŭdex.

29—1787. Giet iccunsagrata il cnisja ta' Santa Scolastica ta'l Birgu.

30—1725. Saret il fondazzjoni ta'l Cunservatorju ta'x-Xebbiet u ta'l Ospizju ta'l Invaldi ta'l Furjana.

Ottubru.

1. 1798. Il Maltin bdeŭ ihejju ruħhom seŭŭa biex jiehduha contra il Franciżi.

2—1284. Il Maltin uakgħu taħt idejn l-Araguniżi.

3.—1583. Sbarca il Cursar Biżerta f'Għaudex.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

Ghirgor, li chien missier u li chellu ix-xebbiet ucoll, baka bħal mibluħ bla ma jaf x'għandu jagħmel u x'għandu jgħid jimsaħ id-dmugħ li b'is-serka chien kiegħed jaħrablu minn għajnejh.

Fl-aħħar kallhom b'leħen li jmiss il klub :—

—« Uliedi m'hux għa'x irrid inbiegħidcom minn haŭn iżda il ħin għamel ġmielu u nibża li nagħlu.... m'hux aħjar tinġabru kabel jitla Ambroġ ?...

Ħamid kallu « iva » b'għajnejh, iżda Carmena ma fehmitx għax chienet għadha kiegħda tolfok n tkatta l-isbaħ trofof minn xagħarha u titfaħhom ġo't-tebut ta' missierha; u meta Ħamid, b'il ħleŭŭa collha, ċaklaka għal darba tnejn u kalla li sejrin jagħlu jecc ijdumu iżjed; Carmena daret fuku u kal tlu :— « Lili toħorġuni il barra, iżda kalbi ħallejtha haŭn ħalli tindifen miegħu; » u chif kalet hecc kabdet id missierha li chienet jibsa donna għuda, ħargitlu minn sebgħu, b'it-tbatija il ħatem ta't-tieġ li chienet tatu ommha, u x'ħin daħlitlu, ŭara li tant biesitu, f'subagħha, kalet titbecca :— « Pa, dana ma indumx ma nigi ingibulec jien id-dinja l-oħra. » U hecc chien.

Reġgħet inxteħtet tbus lil missierha u tolfok u tixher chemm tiflaħ fuku. Ħamid meta raha tinchedd dac collu baża li sejra tħossa ħażin u tagħmillu xi praspura cherha- Gibidha, b'il ħleŭŭa collha, min fuk it-tebut u Ghirgor malajr kiegħed il għatu.

Carmena meta rat ŭiċċ dac li tant chien ħabbha jgħib għal dejjem tatha bħal rekket-ir-ruħ, poġġiet rasha fuk spallet Ħamid, u dana x'ħin ħaddanha minn kaddha biex ma takax, gibidha, tixxenghel, lejn il bieb ta' barra.

Ghirgor għienu sa mesħula ŭiċċha seŭŭa, sa irranġaŭlha dlielha u ħbeŭla għajnejha taħt il muntar u niżżlulha il barnus fuk għajnejha, u ŭara li Ħamid, bi cliem li jdeŭŭeb il ħaġar samm, kaŭŭielha kalbha chemm felaħ, ħariġha il barra.

Il chesħa ta'l-lejl stejknitha, għarfet fejn chienet u bdiet miexja seŭŭa m'il aħjar li setgħet. Ħamid neŭŭel gorda lil Ghirgor minn daŭc li chien tahom De-Saqeville kabel telku iżda dana ma tatux kalbu jieħodha; raddhilhom il sliem u beŭŭex cutu, cutu lejn daru.

Ħamid u Carmena taŭ b'kasma ta' kalb cbira l-aħħar dakka ta' għajn lejn il Palazz Falzun b'rashom imgħaddsa gibdu, bla ma tniffsu lejn is-Sakkajja, mnejn niżlu fl-iskak fejn ħalleŭ il caless, kajjmu lil Ġanni għaliex chien kiegħed jieħu għamża u x'ħin daħlu u sak lejn San Paŭl ta't-Tarġa infexxeŭ ittnejn jolfku bħal żeŭġ t-itrabi.

## V.

## IS-SUR KALAMIAS.

Min chellu jgħidlu lil Ambroġ li f'salib it-torok ta' Imrieħel, x'ħin staksa lil Carmena, din chienet magħluka f'il caless ħdejh ? U min sata katt ijgħid lil Rusanna li f'il ħin li chienet titħaddet ma'l maħbub tagħha Gaŭci u ma'l oħrajn, Carmena għaddiet darbtejn tista tigħid, minn taħt il Palazz b'għafsa cbira ta' kalb stallat tħares, imbicchija lejh?

Rusanna, bħal Marija u bħal Gaŭci, chienu kiegħdin jisimgħu l'is-Sur Kalamias jitħaddet għaliex chien jaf x'ijgħid u għaliex billi chien imdaħħal f'is-snin seŭŭa, chien ġarrab f'id-dinja minn cull xorta ta' għaŭġ. U hu biex ijderrilhom ftit minn-nichet li ŭaka fukhom u, biex ma jaraŭx tŭil iżżmien sa jarġa jigi Ambroġ, ra x'kala biex ma jħallilhomx moħħhom ijberren biss fuk ħaġa ŭaħda—il meŭt ta'l Ħachem, il ħarba ta' Carmena u x'chien sejjer jgħaddi minn Ambroġ.

Gaŭci ucoll intebaħ u, biex ma jarax actar imniccta il kalb ta'l maħbuba tiegħu, għinu palata ħalli jakleb il cliem fuk ħaġ'oħra u staksih jecc chienitx togħġbu l-Imdina ?

—« Ħafna nieġbu is-Sur Kalamias « minn mindu tlajt l-eŭŭel f'id-Daħla ta' L-Isle Adam bkajt dejjem nitla sa għakkadt bosta ħbieb ta'l kalb bħal ma chien il Ħachem u issa ŭakajt haŭn għal collox b'ir-ruħ u il gisem u haŭn bi ħsiebni nkatta l-aħħar erba t-ijiem li bakagħli ħajja »

*(Jissocta.)*

Ħanut cbir u sabiħ għal chiri b'is-supplica u il commoditajjiet collha li trid is-Sanità, f'Balzunetta, Sda: Botanico. No 14. Staksu għand Attard li jokgħod fl-istess triek numru 12,

Fetħet il
MISIDA PHARMACY
ta'l Farmacista **A. Agius.**
COLLOX B'IRHIS U M'IL AHJAR.

**ID-DIABETE**

hi marda li jecc tilkagħha m'il eŭŭel tista tfiek minnha f'kasir żmien, iżda li jecc tħalliha tidħol il geŭŭa seŭŭa bla ma ticcuraha tista anche tibagħtec id-dinja l-oħra. Ilhom snin cbar jitħabtu biex ijsibu rimedju seŭŭa li jfejjakha f'kasir żmien u għal collox u fl-aħħar irnexxeŭ billi sabu il
**FERMENTIN**
li scond ma jgħidu l-aħjar Professuri ta'd-dinja għal d'il marda ħadd ma jagħilbu. Ippruvaŭħ mela m'il actar fis !

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu
**L' ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**



Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.
Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib
**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

**GHA'N = NERVUSI !**

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha
**NEVRASTENIJA**
u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi
**L-ANTINEVROTICU**
TA'L
**Prof: DE GIOVANNI**
li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand
**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**
ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos? Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali. F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħ-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.

Min ijrid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li għandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

għand il magħrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.